MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 90/1999/1

Joseph u Patricia konjugi Borg .

vs

George Borg sia f'ismu kif ukoll f'isem martu Maria Assunta Borg li tinsab imsiefra, u b'nota tal-5 ta' Settembru 2000, Paul Xerri assuma l-atti tal-kawza minflok Gorg Borg u martu Maria Assunta Borg li jinsabu temporanjament imsefrin .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' elf lira maltija (LM1,000) rapprezentanti l-valur ta' kambjala rilaxxjata mill-konvenut u minn martu favur l-atturi fit-8 ta' Lulju, 1994 u illi saret dovuta fit-8 ta' Novembru, 1999 – liema kambjali hija hawn annessa u markata Dokument A. Bl-interessi fuq din is-somma mit-8 ta' Novembru 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru, 1999, kontra l-konvenut .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew :

1. Illi l-kawza saret mill-atturi intempestivament u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi ;

2. Illi mis-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) pretiza mill-atturi, l-eccipjenti kien hallashom il-pagament ta' hames mija wiehed u sebghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm571.25) fit-30 ta' Novembru 1999, permezz ta' *bill payable* mehrug mill-Bank of Valletta plc bin-numru 462362 22013 10196790201, u in kwantu ghall-bilanc ta' erba' mija tmien u ghoxrin liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm428.74), dawn ma thallsux ghal ragunijiet li gew spjegati f'ittra li ntbaghtet flimkien mal-pagmenti ta' LM571.25 lill-Avukat difensur tal-atturi Dottor Carmelo Galea, li ggib id-data tat-30 ta' Novembru 1999, kopja tal-istess ittra qeghda tigi annessa u markata A ;

3. Illi mill-ammont pretiz mill-atturi, liema somma tirrapprezenta l-bilanc tal-prezz tal-bejgh ta' lanca bil-permessi u licenzji relattivi, bl-attrezzi tas-sajd, magni, u affini l-istess atturi kienu naqqsu milli jikkonsenjaw lill-eccipjenti xi attrezzi tas-sajd (cimi u hajt tan-nylon) u l-affini ta' mal-lanca (tender boat), u li huma l-mertu ta' kawza fl-ismijiet inversi **George Borg et vs Joseph Borg et** [citaz. 28/96], kienu naqsu li jhallsu xi bilanc ta' pagament lil George Vella ghal skrun li kien gie ordnat mill-istess atturi sabiex jehel fuq il-lanca li sussegwentement huma kienu bieghu lill-eccipjenti, u minn fost l-attrezzi tas-sajd li kienu gew mibjugha lill-eccipjenti kien hemm 263 cimi tal-bahar li l-atturi minflok ma ikkonsenjawhom lill-eccipjenti, kienu frawdolentement

regghu bieghu u kkonsenjaw l-istess numru ta’ cimi lil John u Nazzareno Mercieca minn San Lawrenz ghal prezz ta’ tlett mija tmienja u ghoxrin liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm328.75), meta tal-istess cimi l-prezz taghhom kien gie nkorporat fil-kambjala li a bazi taghha l-atturi istitwew l-kawza odjerna ;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavits u d-dokumenti l-ohra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija azzjoni kambjarja li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu lill-konvenuti jhallsu s-somma indikata f’kambjala mahruga minnhom fit-8 ta’ Lulju 1994 a favur ta’ l-atturi u li mmaturat fit-8 ta’ Novembru 1999, circa xahar u nofs qabel ma giet intavolata l-kawza prezenti .

Il-konvenuti qeghdin jikkontestaw it-talba ghaliex isostnu illi l-atturi ma kkonsenjawlhomx l-oggetti kollha konnessi mas-sajd li kienu xtraw minn ghandhom sakemm wasal iz-zmien ghall-hlas ta’ din il-kambjala li kienet tirrifletti l-ahhar pagament mill-ammont dovut ghal dghajsa u diversi accessorji taghha li kienu bighulhom l-atturi . Infatti kienet saret kawza mill-istess konvenuti sabiex jirkupraw dawn l-oggetti minghand l-atturi.[1] Fil-mori tal-kawza pero’ l-attur accetta hlas akkont ta’ hames mija wiehed u sebghin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm571.25), minghajr pregudizzju ghall-bilanc dovut, u ghalhekk il-mertu gie ridott ghal erba’ mija tmienja u ghoxrin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm428.75) li l-konvenuti baqghu jinsistu li ma jhallsux sakemm ma jinghatawx l-oggetti neqsin minghand l-atturi.[2]

---

[1] Citaz. 28/1996 fl-ismijiet inversi quddiem din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha .
[2] ara verbal tal-partijiet maghmul fl-udjenza tat-12.6.2003 a fol. 27 tal-process .

L-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap.13) jipprovdi hekk :

1. L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu fil-kawza li tkun miexja ;

2. Jekk dawn l-eccezzonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma .

Kif intqal fil-gurisprudenza lokali :

"*Jidher car li l-legislatur irid li kawzi bbazati fuq kambjali jitmexxew u jigu decizi b'celerita' u heffa insolita . Huwa proprju ghalhekk li l-ligi tillimita l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-pussessur tal-kambjala ;*

*huma biss ammissibbli eccezzjonijiet li jkunu ta' facili soluzzjoni. Eccezzjonijiet li jinhtiegu ezami fit-tul, ma jistghux jinghataw u jekk jinghataw dawn ma jigux ikkonsidrati u decizi fl-istess kawza kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-hlas ta' l-import ta' kambjali jkun konsiderevolment irritardat u mtawwal . Dan mhux permess, ghax altrimenti jintilef l-iskop kollu ta' l-istitut kambjarju li hu li jagevola c-cirkostanzi mghaggla tal-krediti kummercjali."*[3]

Infatti dak huwa appuntu li ghamlu l-konvenuti f'din il-kawza, billi minkejja l-eccezzjonijiet li qajmu sabiex jikkontestaw il-kawza prezenti, xorta wahda ntavolaw il-kawza taghhom fejn talbu li jigu konsenjati lilhom dawk l-oggetti li ppretendew li kellhom jaghtuhom l-atturi flimkien mad-dghajsa mibjugha lilhom.[4] Il-kaz in ezami huwa kaz tipiku fejn il-konvenuti qed iqajjmu eccezzjonijiet li ma humiex ta' facili soluzzjoni kif tirrikjedi l-gurisprudenza

[3] Charles Gatt noe. v Joseph Vassallo Gatt noe.; Qorti tal-Kummerc: 15.11.1993; Vol. LXXVII. iv. 35
[4] ara citaz. 28/1996 fl-ismijiet inversi gia ndikata .

hawn iccitata, ghax jinhtiegu ezami dettaljat ta' x'kien attwalment il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, f'hiex kien jikkonsisti l-bejgh u jekk l-oggetti pretizi mill-konvenuti kienux inkluzi f'dak il-bejgh. Dan kollu gia sar fil-kawza imsemmija fejn anke inghatat decizjoni.[5]

Ghaldaqstant billi l-Qorti f'azzjoni kambjarja bhal ma hi dik prezenti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonijiet bhal dawk maghmula mill-konvenuti, u gialadarba gie ammess mill-istess konvenuti illi l-bilanc mis-somma ta' elf lira maltija li ghaliha kienet inharget il-kambjala in kwistjoni, ghadu ma giex saldat, ma ghandha l-ebda triq ohra hlief illi tilqa' t-talba attrici kif ridotta .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' erba' mija tmienja u ghoxrin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm428.75) bl-interessi relattivi mid-data tal-iskadenza tal-kambjala msemmija sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra uffccjali tat-22 ta' Novembru 1999, kontra l-istess konvenuti .
S9099Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat-23.11.2001